# Drawwiet Marbuta mal-Festa li Nqatgħu

## Minn Kenneth Borg

Bosta kienu dawk id-drawwiet jew użanzi li kienu jiġu pprattikati jew jiffurmaw parti mill-festi Maltin u Għawdxin li illum, għal xi raġuni jew oħra, m'għadniex narawhom. Waħda minn dawn kienet it-Terrimaxka jew Il-Kaxxa tad-Daqq, li kienet popolari ħafna fil-gżejjer Maltin fil-bidu tas-seklu għoxrin meta lanqas kien għadu jeżisti r-radju.

It-terrimaxka (jew terramaxka) hija kelma li ġejja mit-Taljan *chitarra magica.* Din il-kaxxa tad-daqq kienet tidher qisha pjanu. Kienu jġorruha fuq karrettun jew ikollha r-roti miġbuda minn ħmar. Kienet tifforma parti integrali mit-tradizzjonijiet Maltin tant li kienu joħorġuha fit-toroq fil-festi, fil-karnival u kull fejn jinġabru n-nies għal xi ċelebrazzjoni brijuża. L-anzjani tagħna żgur li jiftakruha ddur fit-toroq tal-Ħamrun nhar il-festa ta' San Gejtanu. Oħrajn jiftakruha wkoll iddur fit-toroq tagħna lejliet il-festa. It-terrimaxka kienet popolari fi żmien il-festa tagħna kemm qabel it-Tieni Gwerra Dinjija u kif ukoll fis-snin ta' wara, speċjalment fil-ħamsinijiet.



Biex tibda ddoqq, wieħed kien idawwar manku fil-ġenb. Dan il-manku jkun mqabbad ma' ċilindri fuq ġewwa miksi bis-snien jew toqob, u waqt li jdur iċ-ċilindru, is-snien iħaddmu makkinarju li bih jindaqqu kordi bħal tal-pjanu, molol, qniepen u sfafar li flimkien kienu jsemmgħu bċejjeċ qosra ta' mużika ferrieħa jew popolari. B'xi manku ieħor kien jista' jibdel il-mużika.



Tal-kaxxa tad-daqq ġieli kien ikollu persuna oħra miegħu liebes xi kostum jiġbor il-flus. It-terrimaxka ma kinitx tkun kaxxa sempliċi imma imżejna u ikkulurita. Minbarra xi dekorazzjonijiet u tpinġija fuq l-injam, fuqha kien ikun hemm qishom pupi jew statwetti ta' żeffiena li joqogħdu jduru mal-mużika, u xi pupazz ieħor fin-nofs bil-bakketta f'idu jidderieġi u jżomm it-temp. Kien ikollha fuqha bandieri u żigarelli, kollox jagħmilha ħaġa imlewna u mhix tas-soltu.



Malli jisimgħuha, hi u ddur mat-toroq tal-Ħamrun, bosta tfal u kbar kienu jduru madwarha. Oħrajn kienu joħorġu barra jew jixirfu fit-twieqi jew gallariji biex jarawha, jisimgħu l-melodiji ħelwin u jaraw il-pupazzi jiċċaqalqu. Xi tfal kienu joqgħodu jaqbżu jew jiżfnu mad-daqq tagħha. Oħrajn kienu jibqgħu jduru fit-toroq magħha, jakkumpanjawha minn kull fejn tgħaddi.

Ħasra li llum qajla għadek tara xi waħda minnhom fit-toroq Maltin. Ikun tajjeb li nerġgħu nesponu din it-tradizzjoni kemm fost il-Maltin u kif ukoll mat-turisti għax tifforma parti mill-kultura Maltija.

Ħajr lil dawn in-nies li ipprovdew din l-informazzjoni: Gaetano Borg, Angelina Zahra u Freddie Cristina.




**Prevarti Co. Ltd. is the household name in art conservation and restoration providing its clients with best quality service and consultation.** Conservation and Restoration of:

- *Canvas Paintings* • *Mural Paintings* • *Panel Paintings Fames*
- *Gilding* • *Paper* • *Books* • *Furniture*

prevArti
art restoration & conservation

Leiden Centre,
F015B, Mosta Techno Park,
Mosta, MST 3000

T. 21 434 534
M. 79 212 039
E. info@prevarti.com
www.prevarti.com

Like us on facebook